MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.
ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2003

Numru 146/2002

Il-Pulizija
(Sp Geoffrey Azzopardi)
vs
Christopher Gatt, iben Emanuel,
imwieled Pieta' fit-13 ta' april,
1972

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli fl-14 ta' ġunju, 2001, għal ħabta tat-3.00 p.m. ġewwa l-Armier, limiti tal-Mellieħa, ikkaġuna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Georgina Perry, ta' nazzjonalita' ingliza, skond ma ċċertifika Dr. Nicholas Refalo ta'
l-Isptar San Luqa.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali eżebita fis-seduta tat-12 ta' marzu, 2002 fejn ta

l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Semgħet lill-avukat ta’ l-imputat u lill-prosekuzzjoni.

Illi mill-provi prodotti ma tirrizulta ebda responsabilita’ kriminali li tista’ tiġi attribwita lill-imputat.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkuża.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------